**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs**

**Helen Grima**

**Kumpilazzjoni Numru: 468/16**

**Illum, is-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Helen Grima, detentrici tal-karta tal-identita' numru 380087M:

Akkuzat talli nhar it-22 ta' April 2016 bejn 14.45 u 16.05 minn gewwa CS Petshop li jinsab fi Triq il-Kitarristi, Birzebbugia, xjentement ghen jew assista lil Amadeo Grima detentur ta' karta tal-identita' 259780(M) waqt li kkommetta serq ta' 188€ fi flus

kontanti ghad-detriment ta' Sarah Curmi detentrici ta' karta tal-identita' 103196(M) u/jew persuni ohra; liema serq huwa aggravat bil-'mezz'. (Art 42(d), 261(b), 263, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda kwazi netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

<u>**Ikkunsidrat:**</u>

Xehed <u>l-Ispettur Eman Haymen</u> li esebixxa r-rapport 5J665 2016 (Dok. EH1) u fejn xehed illi dakinhar tal-incident huwa kien Surgent

stazzjonat B'Bugia u fejn dahlet telefonata fuq serqa f'Pet Shop fejn meta mar fil-post sid il-Pet Shop qaltlu li kienet sabet il-bieb tal-*aluminium* miftuh, u sabet il-*cash register* miftuha u l-flus li kien hemm fiha kienu neqsin u xi ammont zghir li kienu mohbijin kienu neqsin ukoll.

Hija qaltlu wkoll illi kienet inghatat informazzjoni illi kien hemm karrozza b'certu *number plate* u ragel b'zewg *tattooes* bhall-forom ta' demghat intlemah johrog minn dan il-hanut u persuna femminili gewwa din il-karrozza. Meta ccekkjaw ta' min tappartjeni l-vettura, saru jafu li din tappartjeni lil Amadeo Grima. Meta marru r-residenza tieghu fethet il-mara tieghu, l-akkuzata, u hemmhekk gie arrestat Amadeo Grima.

Xehdet ukoll is-sid tal-hanut CS Pet Shop and Gardening **<u>Sarah Curmi</u>** fejn qalet illi hija kienet fethet ix-*shutter* wara nofsinhar fejn din hattet ix-xoghol u nel frattemp marret faccata fejn toqghod biex tiekol. Meta marret lura sabet il-bieb tal-*aluminium* li kienet sakkret miftuh. X'hin dahlet gewwa biex tara x'gara u regghet

harget, rat karrozza sewda b'mara gewwa fiha li kellha xagharha isfar imma wiccha ma tiftakrux.

Xehed ukoll <u>**PC1594 Cleaven Abela**</u> li kien ukoll mar fuq il-post u sid il-hanut kienet qaltlu li kienu nsterqulha madwar mitt ewro (€100).

Xehed <u>**PS 1184 Patrick Grech**</u> fejn kien inkarigat mill-ufficjal prosekutur sabiex jiehu ritratti (Dok. PG1) u <u>**PC 959 Daniel Formosa**</u> gie nkarigat sabiex jeleva xi marki tas-swaba (Dok. DF1).

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Emad Masoud**</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid*

*tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta f'dawn il-proceduri illi ma hemm l-ebda prova zghira kemm hi zghira li twassal sabiex l-imputata tigi implikata f'dan ir-reat. Il-fatt li kien hemm persuna femminili go din il-vettura li l-prosekuzzjoni qed tghid illi hi tar-ragel taghha mhix bizzejjed. Hemm diversi nuqqasijiet fil-provi tal-prosekuzzjoni fosthom li ma ngabitx il-prova li dan Amadeo Grima ghandu fil-fatt dawn it-*tattoos*, ma saritx il-prova tal-identita' tal-vettura u lil min tappartjeni, u l-anqas saret il-komparazzjoni bejn dawk il-marki tas-swaba misjuba fil-fond derubat ma' dik tal-imputata.

Dawn in-nuqqasijiet kollha jimmilitaw favur l-imputata u ghalhekk Helen Grima qed tigi liberata mill-akkuza kif dedotta kontriha.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**